KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 27 | Tnejn 26 ta' Jannar 2021

Il-Kunsilli Lokali Mosta jlaqqa' laqgħa tal-Kunsill li ser tinżamm online permezz ta' Microsoft Teams fis-6:05 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Romilda B. Zarb - Sindku
Christopher Grech - Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara - Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt - Kunsillier
Rachel Abela - Kunsillier
Shirley Abela - Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Mario Victor Camilleri - Kunsillier
Maria Pia Bonnici - Kunsillier
Mikhail Micallef -Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Romilda B. Zarb ippresediet l-laqgħa.

27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għal din il-laqgħa, ma rċevietx ittri ta' apoloġiji.

27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 26
REF: 26.3.3 sa 26.3.12 Korrispondenza- Tiġdid ta' Leave għas-sena 2021
Is-Segretarju Eżekuttiv tat *update* tal *leave* ta' l-istaff, u nfurmat lil-membri preżenti li lis-staff ntitolati jġeddu 48 siegħa min sena għal-oħra.

- Lorraine Zammit Tabone 57.25 siegħa.
- Rita Galea 49 siegħa
- Candice Coppola 27.5 siegħa
- Maxine Ebejer 40 siegħa
- Ramona Calleja 28 siegħa
- Shaun Theuma Marshall 15 siegħa
- Aaron Debono 13 siegħa

- Dorianne Wells 15 siegħa
- Carmen Farrugia 27 siegħa

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan il-*leave* ma tteħidx kollu minħabba ċ-ċirkustanzi tal-COVID, fejn kellna naħdmu bi *skeleton/bubble* staff, u kien hemm min kien kwarantina.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-leave ta' l-istaff.

**REF: 24.3.7 Kommunikazzjoni - PA/09958/18 Demolition of existing public convenience**
Is-Sindku nfurmat li talbet *update* biex tkun tista' twassal proposta fuq il-mejda tal-Kunsilliera. Is-Sindku skużat ruħha mal-membri preżenti għax ma laħqitx tiftaħ dokument peress li skadiet id-data tad-*download*, u għalhekk talbet biex jerġa jintbagħat id-dokument.

Il-Kunsillier Cassar nforma lis-Sindku li huwa għandu dawn id-dokumenti u ser jibgħatomla, u żied jgħid li l-iktar li jinkwieta fuq triq il-Ġnejna u l-latrina, għax il-*public convenience* stmata li ser tiswa madwar €220,000 u €250,000 u dawn il-flus il-Kunsill m'għandux min fejn joħroġhom. Is-Sindku żiedet tgħid li għad hemm skemi li nistgħu napplikaw u ndawru l-mod ta' kif nistgħu nigwadanjaw mil-fondi, apparti li l-fond baqa' tila wkoll.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota, biex qabel kull laqgħa tal-Kunsill tiċċirkola rendikont u *update* tal-fondi u l-proġetti.

**REF: 26.3.1-Kommunikazzjoni - Triq il-Parroċċa**
Is-Sindku nfurmat li l-applikazzjoni ħa titmexxa għal approvazzjoni ma TM kif ġie deċiż fl-aħħar laqgħa. Is-Sindku qalet li kien hemm resident li talabha, li ma jridx il-bollards quddiem l-proprjetà tiegħu. Is-Sindku ma ssibx oġġezzjoni, però mhux ser jkun responsabbli l-Kunsill jekk jipparkjaw quddiem il-bieb tar-residenza tiegħu, u ma jkunx jista joħroġ.

Is-Sindku talbet lil Viċi jekk għandux kwotazzjoni ta' kemm jiswew il-bollards. Il-Viċi nforma li ħa jġib tlett kwotazzjonijiet, u għal bollards li jagħlqu t-triq jista jkun li nkunu rridu noħorġu tenders. Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk il-kuntrattur tagħna għandux bollards, u l-Viċi nforma li kien staqsa lil Koptasin u nformawh li m'għandhomx. Is-Sindku talbet biex ssir it-talba bil-miktub lil-Koptasin.

Il-Viċi 'ikkonkluda billi fakkar lil-membri preżenti li madwar 8 bollards nġiebu kwotazzjonijiet li ma jaqbżux il €5,000 u għal-kumplament jinħareġ tender.

**REF: 26.3.2-Kommunikazzjoni - Talba Electric bollard fi Triq il-Knisja.**
Il-Viċi staqsa jekk irċevejniex kwotazzjoni ta' electric bollard. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ntalbu l-kwotazzjonijiet u daqt tintbagħat risposta fuqhom, kif nkunu ġbarna d-dettalji kollha.

Rigward it-tabella li hemm bħalissa "Except for Loading/Unloading Garage Owners", din hija mhux biex tipparkja, imma biex tidħol bil-vettura, tħott u terġa toħroġ. Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li idealment tiżdied il-kelma "and Residents", u fejn jidħlu iż-żewġ cafes li hemm, dawn ma jridx jkollhom aċċess biex jħottu x-xogħol?

Il-Kunsilliera Bonnici qalet bl-istess kunċett il-ħwienet li jinsabu fi triq Kurat Schembri jridu jingħatawlhom aċċess. Il-Viċi nforma li l-ħwienet għal loading u unloading ser jkollhom aċċess fi triq Kostituzzjoni. Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li ma jistax jinħoloq preċedenti fejn triq

tagħti loading u unloading, u oħra le. Il-Viċi irrisponda li kull triq huwa kas għalih. Is-Sindku nfurmat li fejn jidħlu iż-żewġ cafes/ristoranti li hemm, jistgħu jipparkjaw fuq in-naħa ta' wara u jużaw trolley.

Is-Sindku u l-Viċi nfurmaw lil membri preżenti li uffiċjali ta' Transport Malta qed jduru u jagħmlu lista ta' x'hemm bil-permess u bla permess inklużi dawk il-bays għal-persuni b'diżabilità.

REF: 26.3.14-Kommunikazzjoni - Kwotazzjoni Soft Areas
Is-Sindku nfurmat li ntbagħtet emejl lil-Kunsilliera bir-rakkomandazzjoni tal-konsulent fuq it-tender. Ir-rakkomandazzjoni tal-konsulent hija li soft areas ikollhom tender għalihom biex jkunu speċifikati fil-kuntratt. Is-Sindku żiedet tgħid li fl-opinjoni tagħha m'għandhiex għalfejn noqgħodu nimxu bil-pinna u bil-klamar, però l-kuntrattur min naħa tiegħu qed jgħid li ma jistax ma jżommx flus €2,400 għal manutenzjoni.

Il-Kunsilliera Bonnici żiedet tgħid li l-konsulent qalilna wkoll li l-Kunsill għandu dritt jagħmel modifikazzjoni tal-kuntratt in terms of article 20 tal-general conditions, u tiżdied il-lista ta' soft areas.

Il-Kunsillier Cassar issuġġerixxa li tintalab kwotazzjoni tas-soft areas lil kuntrattur, jiżdied il-prezz li qed jitlob mat-tender u jekk it-tieni bidder jkun irħas, il-kuntrattur preżenti jaqla d-default notices talli mhux qed jagħmel xogħolu, u ngħaddu għat-tieni bidder. Però hemm wkoll paġna 31 hemm lista ta siġar, pots u central strips li fihom soft areas, u jidher illi l-kuntrattur jista jkollu raġun, u jekk immorru għat-tieni bidder, dan ħa jiġġieled l-istess ġlieda ta' Tony.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat lil-Kunsilliera preżenti, li meta kellmet lil-kuntrattur hu kien spjega, li mhux l-ewwel darba jagħmel xogħol u ma joqgħodx jfittex għal-ħlas, bħal meta għamel Millbrae Grove, li l-anqas biss huwa fil-pjanta tat-tender. Imma fejn jkun hemm soft areas li qatt ma kien hemm xejn, l-kuntrattur spjega li jixtieq li l-Kunsill jifhem li jekk qabel ma kien jsir xejn, issa hemm iż-żbir, tisqija, rimi ta' ħaxix, bexx, u jaħrat bl-idejn, għax ma jistax jaħrat bil-mutur bħal qabel.

Tkompliet id-diskussjoni u l-membri preżenti qablu li tintalab kwotazzjoni lil-kuntrattur tas-soft areas fejn m'hemm xejn, u talbu wkoll lis-Segretarju Eżekuttiv tistaqsi parir dwar paġna 31 tal-kuntratt lil-konsulent tal-Kunsill. Jekk il-kuntrattur għandu dritt jitħallas, jitħallas, jekk le ma jitħallasx.

REF: 26.3.15 Kommunikazzjoni – Belt Kulturali tas-Sena
Is-Sindku nfurmat li preparat overview ta' x'jista jsir, u jinħatar sotto kumitat biex jgħin. Is-Sindku qrat iċ-ċirkulari li ntbagħtet lil-Kunsilliera liema sottomissjoni tagħlaq fit-8 t'April.
Is-Sindku pproponiet biex is-sotto kumitat jkun magħmul min; Romilda B. Zarb, Marvic Camilleri, Joseph Gatt, Aiken Zerafa, Frans Deguara, Pia Bonnici u Jason Micallef bħala chairman. Is-Sindku talbet approvazzjoni tal-membri preżenti, u nfurmat li għad trid tikkomunika magħhom u tara jaċċettawx li jkunu parti mil kumitat.

Il-membri preżenti unanimament approvaw is-sotto kumitat.

Il-Kunsillier Cassar talab lis-Sindku li la issa nbidel il-Ministru fuq il-Kunsilli Lokali, il-Kunsill

għandu jerġa jagħmel it-talba biex il-Mosta tingħata t-titlu ta' Belt.

**REF: 26.4.1 – Lampi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lil-Viċi Sindku min fejn sab il-bollard lamps bi prezz ta' madwar €10/€11, għax li nxtraw jiswew mas €60. Il-Viċi għamel telefonata lil-persuna li taħdem ma Ambjent Malta u nforma li mingħand Calleja ta' B'Kara, u jiswew madwar €38.

**REF: 24.4.5 – Proġetti**

Il-Kunsillier Cassar staqsa lis-Sindku jekk kienx hemm update dwar triq il-Ġnejna. Is-Sindku nfurmat li m'għandiex.

Il-Kunsillier Cassar staqsa apparti l-lista ta' proġetti, hemm xogħol li jista jibda? Għax triq il-Bajtar ix-xogħol ilu wieqaf madwar ħmistax. Is-Sindku nfurmat li fi triq il-Bajtar nstab xelter, u applikajna mas-Suprintendenza tal-Cultural Heritage biex jiġu fuq is-sit, imma għadhom ma ġewx. Is-Sindku nfurmat li tkellmet mal-Perit tal-Kunsill u ġie deċiż biex jsir użu mil-istess slabs li kien hemm fil-pjazza tax-xelter. Ħa titfassal bankina biex jitħalla aċċess permess ta' dawn l-islabs peress li l-bokka tax-xelter qegħda quddiem garaxx.

Is-Sindku nfurmat lil-membri preżenti li talbet lil-Perit tal-Kunsill jmexxi biex-xogħolijiet, għax il-Cutural Heritage baqgħu ma wieġbux u lanqas ġew fuq is-sit. Il-Kunsillier Cassar nforma li lis-slabs mhumiex tajbin għax huma f'kontenitur tal-ħadid li huma bil-madum tal-pjazza. Is-Sindku ħadet nota biex tkellem lil-Perit tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Cassar talab update fuq triq Bonnijiet, u s-Sindku nfurmat li l-ewwel x'taqet tlesti triq il-Bajtar mhux tħalliha kif inhi, apparti li l-kuntrattur kien ilu ma jersaq biex jkompli, u nfurmatu li ser jinħarġu d-default notices jekk mhux ser jkompli.

**REF: 26.3.14 Korrispondenza – Fixed Asset Register Quote**

Il-Kunsillier Cassar nforma li kien f'kuntatt mal-PwC kif wkoll mingħand min ser jinxtara is-SAGE, u kkonvinċejnihom biex is-SAGE jiġi nstallat b'mod imminenti fuq PC, imbagħad issir il-migration fuq is-server.

Il-Kunsillier Cassar u s-Segretarju Eżekuttiv għandhom jiltaqgħu flimkien mal-PwC biex jsiru l-ispecifications għas-server biex jinħareġ it-tender.

**REF: 26.4.3 – Tenders Adjudication Board**

Il-Kunsillier Cassar nforma li ser jieħu post Dott. Angele Rapa, fuq il-bord tat-tenders.

**REF: 26.4.4 – CCTV Cameras ma l-ex Zamco**

Il-Kunsillier Cassar staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk għandhiex kuntatt ma l'eks Segretarju Eżekuttiv John Camilleri, fejn is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għanda n-numru tiegħu, però kellmitu ftit drabi. Il-Kunsillier Cassar talab permess biex jikkuntattjaħ biex jiċċekkja jekk għadux sid il-binja fejn kien hemm il-Genesis. Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li tkellmet ma min joqgħod hemm bħalissa, u qalla li għalkemm hu qed jikri ma jsibx problema, imma jrid jġib permess mingħand sid il-kera, u talab ittra mil-Kunsill.

Il-Kunsillier Cassar nforma li l-aħjar inkellmu dirett lis-Sur John Camilleri, u jsiru żewġ cameras fil-kantuniera, fejn tolqot żewġ żoni, waħda fejn kien hemm iż-Zamco u l-oħra fejn hemm l-Ideal Bathrooms.

Il-membri preżenti approvaw biex il-Kunsillier Cassar jkellem lis-Sur John Camilleri.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 26.

27.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

27.3.1 – Elezzjoni Każwali u Membru fil bord tal-Claims

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li saret l-elezzjoni każwali illum 26 ta' Jannar, fejn telgħa is-Sur Danny Farrugia, li ħa jieħu post l-eks Kunsillier Joseph Edward Howard.

Il-Kunsillier Cassar nforma li bħala Chairperson tal-claims committee issa il-bord qiegħed b'persuna nieqsa, u talab lis-Sindku jekk tixtieqx t'appunta membru biex jieħu post l-eks Kunsillier Joseph Edward Howard.

27.3.2 – Korrispondenza –Ms. Ramona Calleja minn notch 4 titla notch 5 fi Skala 15

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li s-Sa. Calleja tellgħet notch 5.

27.3.3 – Korrispondenza – Ms. Maxine Ebejer minn notch 4 titla notch 5 fi Skala 15

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li s-Sa. Ebejer tellgħet notch 5.

27.3.4 – Korrispondenza – Ms. Candice Coppola minn notch 4 titla notch 5 fi Skala 11

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li s-Sa. Coppola tellgħet notch 5.

27.3.5 – Kommunikazzjoni – MOU with the Cleansing and Maintenance Division

Is-Sindku nfurmat li ċċirkulat l-MOU tal-Cleansing Division, liema diviżjoni qegħda tagħmel MOU's ma bosta Kunsilli. Staqsiet lil membri preżenti għal-*feedback* tagħhom, u reġgħet għaddiet l-punti tal-*agreement*.

Saret diskussjoni u s-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota ta' l-emendi biex tgħaddihom lil Cleansing Divison.

27.3.6 – Kommunikazzjoni – Overspeeding in Vjal il-Qalbiena Mostin

Is-Sindku nfurmat li hemm problema ta' *overspeeding* fi Vjal il-Qalbiena Mostin. Il-Kunsillier Cassar nforma li fiż-żmien is-Sindku Shirley Farrugia il-Kunsill kien tella' talba lir-Reġjun, għax dak iż-żmien affarijiet bħal dawn kienu jgħaddu mir-Reġjun, applikazzjoni għal tlett *speed cameras* fejn l-ebda waħda ma kienet ġiet aċċettata.

Is-Sindku nfurmat li ħa titkellem mal-LESA fejn jistgħu jużaw *speed guns,* u jagħmlu ronda f'din it-triq. Is-Sindku resqet talba mal-membri preżenti biex ssir żebgħa ħamra *anti skid*, fil parti min Qalbiena Mostin li tieħdok għal Vjal Ragusa, bħal ma saret Burmarrad.

Il-Kunsillier Cassar nforma li din iż-żebgħa mhix parti tat-tender tal-Koptasin, u s-Sindku staqsiet kemm tista' tiswa. Il-Kunsillier Cassar nforma li meta saret talba biex quddiem il-Mellows fuq talba ta' Alex Muscat li dak iż-żmien kien Kunsillier, jitneħħa l-*anti skid* biex jsiru parking bays, Transport Malta rrifjutat għax kien ser jintrema ħafna flus fl-*anti skid* għax jiswa ħafna flus.

Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa biex ssir talba u jsir min Transport Malta, u s-Sindku nfurmat li din it-triq tal-Kunsill mhux arterjali. Il-Viċi Sindku qal li l-ewwel nibdew biex nitolbu eżerċizzju ta' *traffic safety* lil Perit Audrey Testaferrata de Noto.

Is-Sindku ħadet nota biex titkellem mal Perit ta' Infrastructure Malta. Il-Kunsillier Cassar nforma li jissekonda lis-Sindku, għax fiż-żmienu fil-kantuniera kienet saret *crash barrier.*

**27.3.7 – Kommunikazzjoni – Notebook Centre Maintenance Agreement end date.**
Is-Sindku nfurmat li dan il-kuntratt skada, u The Notebook Centre avviċina' biex jerġa jinħareġ servizz lir-residenti Mostin, biex jkollhom servizz ta' manutenzjoni fuq il-*computers*.
Il-Kunsillier Camilleri staqsa kemm il-darba ntuża, u s-Sindku nfurmat li ntużat 30%.

Il-membri preżenti qablu unanimament biex jiġġedded il-kuntratt, kif wkoll li ma jiġux printjati *flyers*, imma min jrid jagħmel użu mis-servizz kemm juri l-*flyer* fuq il *mobile phone*. Kif wkoll min jkun interessat u mhux intiż li jniżżel il-*flyer,* jkun jista jiġi l-Kunsill u nipprintjaw l-*flyer in-house.*

**27.3.8 – Kommunikazzjoni – Użu tas-Sala tal-Kommunita'**
Il-membri preżenti unanimament qablu biex mal bye-law jiżdiedu NGO's Mostin, r-Reġjun Tramuntana.

**27.3.9 – Kommunikazzjoni – Servizz ta' Electrician u Contracts Manager.**
Il-membri preżenti unanimament qablu biex jinħareġ tender għal-servizz ta' electrician.

Saret diskussjoni fuq tender oħrajn minħabba li Giovann mhux jlaħħaq, u l-Kunsillier Cassar staqsa f'hiex wasal l-*evaluation* tal-Contracts Manager, għax b'hekk jkollok persuna tiċċekkja u t'imbotta meta ma jsirx ix-xogħol u jinħarġu d-*default notices* meta jkun hemm bżonn.

Is-Sindku nfurmat li ltaqa' l-*adjudication board* u l-*concern* li ressqet is-Sindku kien għax kien hemm *bidder* wieħed biss li kien eliġibbli, u talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex tiċċekkja ma l-avukat jekk hemmx konflitt, għas-sempliċi raġuni li dan it-tender document nħaddem mis-Sur Flores, u wara għadda f'idejn Boom Consultancy, fejn Boom Consultancy mbagħad waqaf jaħdem fuqu għax ridt jitfa l-bid tiegħu għal dan it-tender.

Il-Kunsillier Cassar nforma li għalkemm għaddielu l-istess ħsieb hemm id-DLG kif wkoll id-dipartiment tal-Kuntratti li jivettjaw it-tender *documents*, għalhekk jekk it-tender document inħareġ tajjeb, huwa rrelevanti min għamel it-tender.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li BOOM Consultancy bil-kemm għamel emendi għax id-DLG u DOC kienu neżżawulna l-kuntratt, u għalkemm il-Kunsill xtaq joħroġ BPQR ma ħallewniex. Tant hu hekk li s-Segretarju Eżekuttiv x'taqet li titlob CV u xi forma ta' esperjenza, u dan ma kienx permissibbli.
Fil-fatt il-bażi tal-kuntratt ħareġ bl-istess mod li ħarġuh Kunsilli oħrajn. Għalhekk *tender documents* ta' Contracts Manager li nħarġu min-Kunsilli oħra bl-istess mod, kienu diġà pubbliċi, għal min ried jarahom.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kważi l-*bidders* kollha kellhom dokumenti neqsin, u l-bqija kienu *over budget.* Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti li ċemplet lil-Avukat tal-Kunsill biex tieħu parir, però kien il-qorti u għanda terġa ċċempel.

Il-Viċi nforma li kien hemm xi ħaġa li ra li fallija kullħadd, li nesa liema kienet, imma ma falliex fija wieħed mil-bidders biss, u staqsa x'kienet. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lil Viċi x'dokument ra, għax hu mhux parti mil-*evaluation board*. Il-Viċi qal li hija lista li ntbagħtet

b'email, u kien hemm kull wieħed x'kellu nieqes. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lil-Viċi biex jibgħat dan id-dokument, għax id-dokument li qed issemmi ma jidhrilhiex li ntbagħat mil-uffiċju tal-Kunsill, għax l-evalwazzjoni u l-aġġudikazzjoni għada ma saritx mil bord. Il-Viċi talab biex din l-excel sheet tiġi *shared* fuq l-iscreen, u l-Kunsillier Cassar nforma lil Viċi li ma tistax issir la għadu ma sarx l-*adjudication*.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil-membri preżenti li l-Kunsill kien talab biex noħorġu rapport tar-riżultati, però dan ir-rapport kellu jinħareġ wara li jsir l-*adjudication* mil-bord. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li malli jkolli risposta mingħand l-Avukat tinforma lil Kunsilliera.
Is-Sindku żiedet tgħid li jekk l-Avukat tal-Kunsill jinformana li m'hemmx konflitt ta' interess, l-bord jkompli bl-evalwazzjoni.

### 27.3.10 – Kommunikazzjoni – Tad-Dib u Wejda

Is-Sindku qasmet mal-membri preżenti il-pjanta (Appendiċi A) tal-*proposed traffic flow* taż-żoni Wejda u tad-Dib.
S-Sindku nfurmat li tkellmet ma bosta residenti, u t-tħassib ewlieni tagħhom kien li t-triq issir bil-maqlub. Saret diskussjoni u s-Sindku ssuġġeriet li ssir applikazzjoni ma Transport Malta biex din tkun iktar analizzata, biex dħul jkun min Vjal Indipendenza u toħroġ min Durumblat.

Tkompliet id-diskussjoni u l-membri preżenti unanimament qablu li din il-pjanta tintbagħat għal approvazzjoni u iktar konsultazzjoni ta' Transport Malta, u l-pjanta (Appendiċi A), tintbagħat lir-residenti flimkien ma ittra, fejn navżaw li din il-pjanta għad trid tiġi approvata min Transport Malta.

Il-Viċi nforma li ser jagħmel *update* tal-pjanta, fejn ser jirranġa u jagħmel il-vleġġa ta' Fiteni, jneħħi iċ-ċrieki blu, biex tkun din il-pjanta li tintbagħat lir-residenti.
Is-Sindku nfurmat lis-Segretarju Eżekuttiv biex nieħdu ħsieb li jirċieviha kulħadd peress li fi triq it-Torri hemm l-isqaqien.

Is-Sindku u l-Kunsillier Deguara nformaw li waqt il-laqgħat li kellhom mar-residenti, kienu bosta li fehmu il-bżonn li jkun hemm *traffic flow* tajjeb għal benefiċċju tar-residenti.

### 27.3.11 – Kommunikazzjoni – Traffic Management Triq it-Torri

Is-Sindku nfurmat li issa ħa jibda eżerċizzju ieħor ta' *traffic manangment* in-naħa ta' triq it-Torri.

### 27.3.12 – Kommunikazzjoni – Xogħolijiet f'Main Street.

Il-Viċi Sindku nforma in-naħa ta' Freddie Micallef sar lis-*storm water culvert* u nbeda x-xogħol fuq il-*main* tal-ilma. Kif titlesta din il-parti u jinżlu lejn Main Street, il-Viċi nforma li kellmu l-Perit li qed jieħu ħsieb din it-triq u talab biex San Silvestru tkun *one-way* l-isfel u ma titlax min fejn Grupetta l-fuq, sakemm jsiru ix-xogħolijiet minħabba l-influss tat-traffiku.

Il-Kunsillier Cassar nforma lil-Viċi li huma Transport Malta stess li jridu jagħmlu d-*diversions* tat-traffiku biex jkunu jistgħu jaħdmu.
Saret diskussjoni liema jkun l-aħjar mod biex jingħalqu t-toroq, u l-Kunsillier Cassar u l-Viċi qablu li l-aħjar jiltaqgħu biex jħejju pjan.

Il-Kunsilliera Bonnici talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex malli nsiru nafu, nibgħatu ittra lir-residenti għax ma jistax jkun ir-residenti jqumu fil-għodu, u ma jistgħux joħorġu mil-garaxx

tagħhom għax jsibu trinka. Il-Kunsillier Deguara nforma li kien ġara l-istess fi Vjal Indipendenza.

Fit 8:50pm il-membri preżenti unanimament qablu biex tiżdied nofs siegħa mal-ħin tal-laqgħa.

Is-Sindku talbet lil-Viċi biex ssir laqgħa, u jinvolvi lilha, u lil Kunsilliera Cassar u Bonnici, biex jħejju pjan ta' kif l-aħjar jingħalqu t-toroq waqt ix-xogħolijiet.

Il-Viċi qasam mal-membri preżenti l-pjanta ta' kif Transport Malta ser jagħmlu lis-*storm water culverts,* u saret diskussjoni dwar Appendiċi B u Ċ.

**27.3.13 – Kommunikazzjoni – Triq il-Pont**

Il-Viċi Sindku qasam mal-Kunsilliera preżenti pjanta ta' Triq il-Pont u nforma lil Kunsilliera li talab lir-Ray Farrugia d-Direttur fuq *storm water culverts,* fejn qed jsir xogħol tal-ħanqa, biex jsir sprall fejn tal-ħaxix, dan *grating* il-wisgħa kollu biex jilqa' l-ilma li jinżel min triq il-Kbira u Sant' Anna, biex jinqabad ħafna ilma. Din ser tiswa madwar €9,440, u l-Viċi ħa jibgħat lil Ministeru ta' Ian Borg, biex naraw jistgħux jagħmluwilna.

**27.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**27.4.1 – Reserved bay ta' Bank**

Il-Kunsilliera Zerafa nforma li hemm reserved parking bay tal-Mediterranean Bank fi triq Kostituzzjoni, biex nitolbu biex titneħħa t-tabella u l-linji għax il-bank għalaq.

**27.4.2 – Taxi Bay fi Triq il-Kbira**

Il-Kunsilliera Bonnici talbet biex it-taxi bay li hemm fi triq il-Kbira quddiem il-każin Nicolo Isouard titneħħa għax qatt ma tintuża.

Fid-9:00 intfew il-kameras għar-raġunijiet ta' etika biex jiġu diskussi l-*appraisals* ta' l-istaff

**27.5 Rapporti**

**27.5.1 Performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati**

Il-membri preżenti approvaw il-*performance bonus* ta' 6% għal-impjegati Sa. Ebejer, Sa. Calleja, Sin. Theuma Marshall, Sa. Wells, Sin. Debono, Sa. Coppola, Sa. Galea, Sa. Zammit Tabone u Sa. Micallef Camilleri. Rigward l-impjegata Sa. Farrugia, il-membri preżenti qablu biex tingħata it-3% peress li għada ma lestietx l-istħarriġ neċessarju għax tinsab ma tiflaħx, u 10% għas-Segretarju Eżekuttiv.

**27.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**27.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 112.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 30 ta' Diċembru 2020 sal-26 ta' Jannar 2021.

**27.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**27.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

27.6.4 Petty Cash

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-petty cash.
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-petty cash li tkopri x-xahar ta' Diċembru 2020. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

27.7 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:50 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-8 ta' Frar 2021 fis-6:00pm.

Konfermati llum 26 ta' Jannar 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda B. Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |